Nru./No. 18,982
Prezz/Price
€5.40

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 26 ta' Ottubru, 2012
Friday, 26th October, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,131 - 12,165
Government Notices ..... *12,131 - 12,165*

Avviż tal-Pulizija 12,165
Police Notice *12,165*

Avviż lill-Baħħara 12,166
Notice to Mariners *12,166*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 12,166 - 12,187
Employment Opportunities ..... *12,166 - 12,187*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,187 - 12,194
Notices ..... *12,187 - 12,194*

Offerti ..... 12,195 - 12,227
Tenders ..... *12,195 - 12,227*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,227 - 12,246
Court Notices ..... *12,227 - 12,246*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1071

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XVI tal-2012 imsejjaħ l-Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

Nru. 1072

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 125 imsejjaħ Att tal-2012 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

Nru. 1073

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar il-Ħamis, il-25 ta' Ottubru, 2012 u l-Ġimgħa, is-26 ta' Ottubru 2012 matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-23 ta' Ottubru, 2012
(OPM 11/2012)

Nru. 1074

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Gino Camilleri biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn it-23 u s-27 ta' Ottubru 2012, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Silvio Camilleri.

It-22 ta' Ottubru 2012
(MJ/207/89/VII)

GOVERNMENT NOTICES

No. 1071

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XVI of 2012 entitled the Employment and Industrial Relations (Amendment) Act, 2012.

26th October, 2012

No. 1072

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 125 entitled the Explosives Ordinance (Amendment) Act, 2012.

26th October, 2012

No. 1073

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister of Foreign Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister, with effect from Thursday, 25th October, 2012 and Friday, 26th October 2012 during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M, LL.D., M.P.

23rd October, 2012

No. 1074

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by Article 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, designated the Hon. Mr Justice Gino Camilleri to perform the functions of Acting Chief Justice between 23rd and 27th October 2012, during the absence of His Honour the Chief Justice Silvio Camilleri.

22nd October, 2012

Nru. 1075

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Donatella Frendo Dimech, LL.D., Mag. Jur (Int Law), Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mis-16 sat-18 ta' Ottubru, 2012, iż-żewġ dati inklużi.

It-22 ta' Ottubru, 2012
(MPO1057/56/VI)

No. 1075

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Donatella Frendo Dimech, LL.D., Mag. Jur (Int Law), Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 16th to 18th October, 2012, both days inclusive.

22nd October, 2012

Nru. 1076

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

Il-President ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Logutenent Nicholas Camilleri, mil-Lista Attiva tal-Forzi Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għar-Riżerva Regolari tal-Uffiċjali, meta rtira, b'seħħ mid-29 ta' Ottubru 2012.

It-23 ta' Ottubru, 2012
(OPM/33/1987/II)

No. 1076

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

The President of Malta has been pleased to approve the transfer of Lieutenant Nicholas Camilleri from the Active List of the Armed Forces of Malta Regular Force to the Regular Reserve of Officers, on retirement, with effect from 29th October 2012.

23rd October, 2012

Nru. 1077

ĦATRA TA' DIRETTURI ĠENERALI U DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikoli 92 (4) u 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil dawn l-uffiċjali pubbliċi kif jidher hawn taħt:

No. 1077

APPOINTMENT OF DIRECTORS GENERAL AND DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by Articles 92 (4) and 110 of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the under-mentiond public officers as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU *OFFICE OF THE PRIME MINISTER*		
Mr Alexander Magro, B.A. (Hons.) Accty., C.P.A.	Direttur Ġenerali (Support Services) *Director General (Support Services)*	09.08.2011
Mr Jonathan Vassallo, B. Comm (Hons.), M.A (Public Policy)	Direttur Ġenerali (Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet) *Director General (Planning and Priorities Co-ordinations)*	01.06.2011
Mr Raphael Scerri, M.B.A	Direttur Ġenerali (Fondi u Programmi) *Director General (Funds and Programmes)*	01.06.2011

Ms Joanne Mercieca B.Com., B.A. (Hons.) Public Policy, M.A. (Dip.) (Lancaster)	Direttur (Affarijiet tad-Difiża) *Director (Defence Matters)*	15.12.2012
Ms Claudine Dalmas B.Ed (Hons), M.A	Direttur (Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea) *Director (EU Affairs)*	24.09.2012
Ms Diane Oswald MA (IMC), B Comm (Hons.)	Direttur (Informazzjoni) *Director (Information)*	22.08.2012
Mr Espedito Grech	Direttur (Human Resources Management Systems), PAHRO *Director (Human Resources Management Systems), PAHRO*	27.07.2012
Ms Moira Attard MSc (Leic) Trg & HRM, DIP. HRM (Leic)	Direttur (Proġetti Korporattivi), Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ *Director (Corporate Projects), CDRT*	27.07.2012
Mr Yakob Zahra B.Com (Hons) Mngt.	Direttur (Employee Relationship Management), PAHRO *Director (Employee Relationship Management), PAHRO*	27.07.02012
Mr Charles Vella	Direttur (Operations), Diviżjoni tas-Support Services *Director (Operations) Support Services Division*	18.07.2012
Mr George Saliba B.A. (Hons.) Public Administration, Dip. Arabic Studies	Direttur (Operations), Uffiċċju Elettorali *Director (Operations), Electoral Office*	04.07.2012
Ms Maria Pia Pace BA (Hons), MA (Bruges)	Direttur (Fondi UE – Koordinazzjoni tal-Politika), PPCD *Director (EU Funds- Policy Coordination), PPCD*	09.11.2011
Mr Christopher Magri, M.A. (Creativity and Innovation)., Exec. M.B.A., Dip. Mangt.	Direttur (Fondi), Diviżjoni tal-Fondi u Programmi *Director (Funds),Funds and Programmes Division*	01.06.2011

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN
MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Mr Jonathan Galea, B.Com B.A. (Hons.) Econ., MA (Sussex) M.Phil (Cantab.), Dip. Chinese (SOAS) LLB (London) Barrister	Direttur Ġenerali (Affarijiet Ewropej u Ekonomiċi) *Director General (Economic and European Affairs)*	27.07.2012
Ms Helga Mizzi B.A.(Hons.) Contemporary Mediterranean Studies, M.A. Diplomatic Studies	Direttur Ġenerali (Affarijiet Politiċi) *Director General (Political)*	04.07.2012
Ms Christine Pace B.A. (Hons), MA. (Sussex)	Direttur (Affarijiet Multilaterali u Globali) *Director (Multilateral and Global Issues)*	15.12.2012
Dr Mariella Grech LL.D., Dip. (Criminology)	Direttur (Ċittadinanza u Expatriates) *Director (Citizenship and Expatriate Affairs)*	04.07.2012

Mr Neville Aquilina B.A (Hons), M.Dip.	Direttur (Affarijiet Ewropej), Diviżjoni għall-Affarijiet Ekonomiċi u Ewropej *Director (European Affairs), Economic and European Affairs Division*	20.02.2012
Ms Joanne Pisani	Direttur (Protokol u Servizzi Konsulari) *Director (Protocol and Consular Services)*	24.11.2011

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
MINISTRY FOR GOZO

Ms Carmen Galea B.Com (Hons.) Economics	*Direttur (Servizzi Korporattivi),* Diviżjoni tal-Operat *Director (Corporate Services), Operations Division*	09.08.2011

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI
MINISTRY FOR INFRASTRUCTURE, TRANSPORT AND COMMUNICATIONS

Mr Paul Farrugia B.A. (Hons.) Bus. Mngt.	Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi), Diviżjoni tal-Operat *Director (Programme Implementation), Operations Division*	09.08.2011

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI
MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Dr Albert Caruana B. Mech. Eng. (Hons.), M.Sc. (Lond.), Ph.D. (Lond.)	Direttur Ġenerali (Blata Kontinentali) *Director General (Continental Shelf)*	22.08.2012
Ms Anna Debattista B.Pharm. (Hons)	Direttur Ġenerali (Support Services) *Director General (Support Services)*	27.07.2012
Mr Anthony Caruana	Direttur (Procurement and Supplies), Diviżjoni tas-Support Services *Director (Procurement and Supplies), Support Services Division*	22.08.2012
Dr Roberto Andrea Balbo DMV, M.Sc. (Ulster)	Direttur (Regolazzjoni Veterinarja), Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti *Director (Veterinary Regulation), Veterinary and Phytosanitary Regulation Department*	20.02.2012
Mr Herman P Galea	Direttur (Parks and Initiatives), Dipartiment tax-Xogħlijiet u s-Servizzi *Director (Parks and Initiatives), Works and Services Department*	09.08.2011
Dr Justin Zahra B.A. (Legal and Humanistic), Dip.Not.Pub., LL.D.	Direttur (Agrikoltura), Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali u Akwakultura *Director (Agriculture), Rural Development and Aquaculture Department*	09.08.2011
Mr Joseph John Vella B. Pharm. (Hons.), M.Sc.	Direttur (Ħarsien tal-Annimali, Promozzjoni u Servizzi), Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti *Director (Animal Welfare, Promotion and Services), Veterinary and Phytosanitary Regulation Department*	09.08.2011

MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
MINISTRY OF EDUCATION AND EMPLOYMENT

Mr Andrè Vassallo Grant B.A. (Hons.) Pub. Admin., M.A. (York)	Direttur Ġenerali (Support Services) *Director General (Support Services)*	28.03.2012
Ms Roslynn Vella MSc (HRM & Trg) Leicester, BA (Hons) SW	Direttur (Riżorsi għall-Iskejjel), Direttorat għas-Servizzi Edukattivi *Director (School Resources),* *Directorate for Educational Services*	04.09.2012
Mr Alexander Spiteri B.Ed. (Hons) M.A. (Melit.)	Direttur (Immaniġġjar tal-Kurrikulum u e-Learning), Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni *Director (Curriculum Management and e-Learning),* *Directorate for Quality and Standards in Education*	04.09.2012.
Mr Neil Kerr	Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Programme Implementation)*	27.07.2012
Mr Joseph Micallef B.Ed (Hons), P.G. DEAM	Direttur (Riżorsi Umani), Diviżjoni tas-*Support Services* *Director (Human Resources),* *Support Services Division*	27.07.2012
Ms Carmen Dalli Dip. Social Work, MBA (Henley UK)	Direttur (Finanzi), Diviżjoni tas-Support Services *Director (Finance)* *Support Services Division*	27.07.2012

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U L-INVESTIMENT
MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

Mr Herald Bonnici M.B.A. (Warwick), B.Ed.(Hons.)	Direttur Ġenerali (Politika Finanzjarja u Immaniġġjar) *Director General (Financial Policy and Management)*	20.02.2012.
Mr Mario Raymond Borg B.A. (Hons) Accty., F.I.A., C.P.A.	Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) *Director General (Inland Revenue)*	20.01.2012
Mr Charles Vella	Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) *Director General (VAT)*	09.11.2011
Mr Tarcisio Scicluna	Kap (Tax Compliance Unit) *Head (Tax Compliance Unit)*	09.11.2011
Mr Philip Schembri B.Mech. Eng. (Hons.), M.B.A. (Dist.)	Direttur Ġenerali (Support Services) *Director General (Support Services)*	13.06.2011
Mr Shawn Agius B.Com., Dip. Tax, A.M.I.T.	Direttur (Operations), Dipartiment tat-Taxxi Interni *Director (Operations), Inland Revenue Department*	22.08.2012
Ms Marion Scerri B.A. (Hons.) Pub. Admin.	Direttur (Amministrazzjoni), Dipartiment tad-Dwana *Director (Administration), Customs Dipartment*	27.07.2012
Mr Anthony Cachia	Direttur (Proċeduri dwar il-Kuntratti Pubbliċi), Dipartiment tal-Kuntratti *Director (Public Procurement Procedures),* *Department of Contracts*	20.02.2012

Mr Oreste Cassar DPA	Direttur (Sigurtà tal-Informazzjoni u Amministrazzjoni), Dipartiment tal-Kuntratti *Director (Information Security and Administration), Department of Contracts*	20.02.2012
Mr Robert Camilleri B.Accty (Hons) CISA FIA CPA (pc)	Direttur (EU Budget), Diviżjoni tal-Budget Affairs *Director (EU Budget), Budget Affairs Division*	09.11.2011
Mr Godwin Mifsud Bcom (Hons) (Econ) MSc (Econ) (Essex) MA (Pub Pol)	Direttur (Ricerka Strutturali Ekonomika), Dipartiment għall-Politika dwar l-Ekonomija *Director (Structural Economic Research), Economic Policy Department*	09.11.2011
Mr Kevin Vella MSc. Economics (Warwick)	Direttur (Strateġija Ekonomika), Dipartiment tal-Politika dwar l-Ekonomija *Director (Economic Strategy), Economic Policy Department*	09.08.2011
Mr Anthony Busuttil	Direttur (Infurzar), Dipartiment tad-Dwana Director (Enforcement), Customs Department	09.08.2011
Mr Robert Borg	Direttur (Support Services), Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud *Director (Support Services), VAT Department*	09.08.2011
Mr Carmelo Briffa	Direttur (Capital Transfer Duty), Dipartiment tat-Taxxi Interni *Director (Capital Transfer Duty), Inland Revenue Department*	13.06.2011
Mr Joseph Sghendo	Direttur (EU Paying Authority) *Director (EU Paying Authority)*	13.06.2011
MINISTERU TAL-INTERN *MINISTRY FOR HOME AFFAIRS*		
Mr Jesmond Camilleri	Direttur (Uffiċċju għall-Immaniġġjar tal-Identità), Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet *Director (ID Management Office), Land and Public Registry*	18.07.2012
Ms Ermelinda Zahra	Direttur (Reġistru Pubbliku), Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet *Director (Public Registry), Land and Public Registry*	20.02.2012
Mr Gaetano Vella	Direttur (Passaporti u Reġistrazzjoni Ċivili), Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet *Director (Passport and Civil Registration), Land and Public Registry*	20.02.2012
Mr Natalino Attard BA, LP, Mag.Jur.(Eur Law), MBA	Direttur (Probation u Parole) Diviżjoni tal-Operat *Director (Probation and Parole),* Operations Division	24.11.2011
Mr Abraham Zammit	Direttur (Servizzi Korrettivi) *Director (Correctional Services)*	13.06.2011

MINISTERU TAS-SAĦĦA, ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ
MINISTRY FOR HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Dr Miriam Vella, MD, MSc (Public Health), MMCFD	Direttur (Standards tal-Kura tas-Saħħa), Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika *Director (Health Care Standards), Superintendence of Public Health*	09.08.2011
Ms Karen Camilleri Demicoli M.A (Public Administration), B.A. (Sociology)	Direttur (Żvilupp ta' Politika, Affarijiet Internazzjonali u tal-UE – Saħħa), Divizjoni tas-Saħħa *Director (Policy Development, EU and International Affairs – Health), Health Division*	09.08.2011
Dr Richard Zammit MD, MSc. (Public Health), MBA	Direttur (Provvediment ta' Fondi dwar is-Servizzi tas-Saħħa), Diviżjoni tas-Saħħa *Director (Health Care Funding), Health Division*	27.07.2012
Dr Maria Sciriha BA., LL.D	Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Programme Implementation)*	20.02.2012
Dr Denis Vella Baldacchino MD, EMDM, M.Sc. Public Health	Direttur (Ko-ordinazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa), Diviżjoni tas-Saħħa *Director (Coordination Health Care Provision), Health Division*	20.02.2012

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU, KULTURA U AMBJENT
MINISTRY FOR TOURISM, CULTURE AND THE ENVIRONMENT

Mr Bernard Bartolo B.Com, Dip. (CIPS)	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director (Corporate Services)*	27.07.2012

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA, KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U L-FAMILJA
MINISTRY FOR JUSTICE, DIALOGUE AND THE FAMILY

Dr Mary Debono Borg LL.D.	Direttur Ġenerali (Qrati u Tribunali ta' Għawdex) *Director General (Gozo Courts and Tribunals)*	22.08.2012
Mr John Louis Degiorgio D.P.A.	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director (Corporate Services)*	28.03.2012
Mr Raymond Scicluna	Direttur (Support Services), Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja *Director (Support Services), Courts of Justice Department*	09.08.2011

MINISTERU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA, NEGOZJI ŻGĦAR U L-KONSUMATUR
MINISTRY FOR FAIR COMPETITION, SMALL BUSINESS AND CONSUMERS

Ms Maria Buttigieg Scicluna B.A. (Hons) Geography, M.A.	Direttur (Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea) *Director (EU Affairs)*	22.08.2012
Dr Joseph Bugeja M.A. (Diplomatic Stud.), LL.D.	Direttur (Artijiet), Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern *Director (Land), Government Property Department*	18.07.2012

Mr Johan Galea B.A. (Gen), P.G.C.E., D.E.A.M.	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director (Corporate Services)*	28.03.2012
Mr Raymond R. Camilleri Dip. (Management Studies)	Direttur (Tmexxija tal-Proprjetà), Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern *Director (Estate Management), Government Property Department*	09.08.2011

Is-26 ta' Ottubru, 2012

Nru. 1078

NOMINA TA' ARBITRU BIEX JOQGĦOD FIT-TRIBUNAL TA' ARBITRAĠĠ DWAR IL-QSIM TA' WIRT (KAP. 308)

IL-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva li n-nomina ta' Avv. Dott. Domenic A. Cassar, LL.D. bħala Arbitru fit-Tribunal imsemmi, tkun imġedda għal perjodu ta' tliet snin oħra, b'seħħ mit-3 ta' Ġunju 2012.

It-22 ta' Ottubru, 2012
(MJ/172/88)
(OPM/155/88)

26th October, 2012

No. 1078

APPOINTMENT OF ARBITRATOR TO SIT ON THE PARTITION OF INHERITANCES TRIBUNAL (CAP. 308)

The President of Malta, on the advice of the Prime Minister, approved that the appointment of Dr Domenic A. Cassar, LL.D., as Arbitrator on the said Tribunal, be extended for a further period of three years with effect from 3rd June 2012.

22nd October, 2012

Nru. 1079

BORD PROVIŻORJU TAL-FOND FOND ĊENTRALI TAL-KOPERATIVI

SKONT ir-regolament 4 tar-Regolamenti tat-2012 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativi (Bord Proviżorju), il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur ħatar il-Bord Proviżorju tal-Fond għall-perjodu ta' sena sat-22 ta' Ottubru 2013 kif ġej:-

Chairperson
Is-Sur Victor Rizzo Giusti

Membri
Dott. Melanie Vella
Is-Sur Leonard Sacco

It-23 ta' Ottubru, 2012

No. 1079

PROVISIONAL BOARD OF THE FUND CENTRAL CO-OPERATIVE FUND

IN terms of regulation 4 of the Central Co-operative Fund (Provisional Board) Regulations, 2012 the Minister for Fair Competition, Small Business and Consumers has appointed the Provisional Board of the Fund for a period of one year till 22nd October 2013 as follows:-

Chairperson
Mr Victor Rizzo Giusti

Members
Dr Melanie Vella
Mr Leonard Sacco

23rd October, 2012

Nru. 1080

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (Kap. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, l-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar

No. 1080

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (Cap. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial

Dott. Gabrielle Lautier, bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard, B.A., LL.D., u dan sakemm dan tal-aħħar ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-5 ta' Settembru, 2012 sad-9 ta' Settembru, 2012.

Illum, it-13 ta' Settembru, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.,
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Acts has appointed Notary Dr Gabrielle Lautier to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Pierre Attard during the latter's absence from these Islands from the 5th September, 2012, till the 9th September, 2012.

Today, the 13th day of September, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.,
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1081

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (Kap. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Peter Fleri-Soler, LL.D., bħala Nutar Delegat u Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Daniela Mercieca, LL.D. sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mit-12 ta' Ottubru, 2012 sal-25 ta' Ottubru, 2012.

Illum, 18 ta' Ottubru, 2012.

CARMEL MUSCAT
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1081

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (Cap. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Peter Fleri Soler, LL.D., to be Notary Delegate Keeper for Notary Dr Daniela Mercieca LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 12th October, 2012 to 25th October, 2012

This, 18th day of October, 2012

CARMEL MUSCAT
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1082

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (Kap. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, l-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dottor Elisa Falzon, bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Pamela Mifsud Bonnici, B.A., LL.D., u dan sakemm din tal-aħħar tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-ewwel ta' Ottubru, 2012 sas-6 ta' Ottubru, 2012.

Illum, it-12 ta' Ottubru, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.,
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1082

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (Cap. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Elisa Falzon to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Pamela Mifsud Bonnici during the latter's absence from these Islands from the 1st October, 2012, till the 6th day of October, 2012.

Today, the 12th day of October, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.,
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1083

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm, *Rhynchophorus Ferrugineus (Olivier)* f'Malta

SKONT Taqsima V (Trażżin u Eradikazzjoni ta' Organiżmi li jagħmlu l-Ħsara lill-Pjanti) tal-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, (Kap. 433) tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Miżuri ta' Emerġenza għall-Prevenzjoni tal-Introduzzjoni u t-Tixrid fil-Komunità tar-*Rhynchophorus Ferrugineus (Olivier)*, il-gżira sħiħa ta' Għawdex qed tiġi definita bħala żona demarkata għall-Bumunqar Aħmar tal-Palm. Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali se jieħu l-azzjonijiet neċessarji biex jiġi kkontrollat dan l-organiżmu.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

No. 1083

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURUAL AFFAIRS

Red Palm Weevil, *Rhynchophorus Ferrugineus* (Olivier) in Malta

ACCORDING to Part V (Containment and Eradication of Plant Pests) of the Plant Quarantine Act (Cap. 433) of the Laws of Malta, and Article 6 of the Commission Decision 2007/365/EC on Emergency Measures to Prevent the Introduction into and the Spread within the Community of *Rhynchophorus Ferrugineus (Olivier)* and its amendments, the island of Gozo is being defined as a demarcated area for Red Palm Weevil. The Plant Health Directorate within the Ministry for Resources and Rural Affairs is taking the necessary actions to control this harmful organism.

26th October, 2012

Nru. 1084

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza:	PA02854/09
Post:	Sit f' Ta' Ġbula, Triq Il-Pitiross, Il-Gudja, Malta
Proposta:	Proposta għal dar tax-xjuħ

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit- 3 ta' Ottubru 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni

No. 1084

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number:	PA02854/09
Location:	Site at Ta' Ġbula, Triq Il-Pitiross, Gudja, Malta
Proposal:	Proposed old people's home

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 3rd October 2012 and the justification for proposal from carrying

mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-3 ta' Ottubru 2012.

L-impatti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-30 ta' Ottubru, 2007.

out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 3rd October 2012.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, se jinħoloq skart inert, madankollu l-kwantitajiet x'aktarx li jkunu żgħar. Il-ħamrija li se titneħħa se titqiegħed f'partijiet oħra tas-sit jew inkella se terġa' tintuża 'l barra mis-sit skont ma jkun approvat mill-awtoritajiet rilevanti. L-iskart prodott waqt l-operat se jintrema skont il-proċeduri stabbiliti għall-immaniġġar tal-iskart. Kull materjal/skart perikoluż mhux ser jinħażen fuq is-sit u se jiġi rregolat permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali.
Waste generation	*The project will generate waste during both construction and operation. During the construction phase, inert waste will be generated however quantities are likely to be minimal. Cleared soil will either be shifted to other parts of the development site itself or reused off-site as approved by the relevant authorities. Municipal waste produced during operation will be disposed of in accordance with established waste management procedures. Any hazardous material/waste will not be stored on site and will be regulated through an environmental registration.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja	Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u li se jkun hemm xi emissjonijiet ta' NOx mill-inġenji. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu emissjonijiet ta' NOx mit-traffiku operattiv iżda minħabba l-iskala tal-proġett, il-proposta mhux mistennija li se tiġġenera ammonti sinjifikanti ta' traffiku.
Impact on air quality	*During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and NOx from construction vehicles, are expected. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, NOx will be generated by operational traffic but given its scale, the proposal per se will not generate significant amounts of traffic.*
Storbju u vibrazzjonijiet	L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat mhux mistenni li l-istorbju u l-vibrazzjonijiet ikunu sinifikanti meta jitqies it-tip ta' proġett.
Noise and vibrations	*Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operations, noise and vibration are not expected to be significant given the type of project.*
Impatti fuq il-wirt kulturali	L-iżvilupp propost huwa mdawwar minn numru ta' siti li jistgħu jkollhom valur arkeoloġiku. L-iżvilupp għandu jikkunsidra li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi fuq is-sit u għalhekk f'dan l-istadju jinħtieġ stħarriġ arkeoloġiku tas-sit in kwistjoni sakemm ma jkunx hemm struzzjonijiet differenti mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.
Impact on cultural heritage	*The proposed development is surrounded by a number of archaeologically sensitive sites. The development should take into consideration that archaeological remains might be found on site and thus an archaeological survey of the site in question is required at this stage unless otherwise instructed by the Superintendence of Cultural Heritage (SCH).*

Impatt permezz ta' dawl

Matul il-lejl, huwa previst tidwil mill-bini u mill-mogħdijiet. Madankollu, il-ħruġ ta' dawl meta mqabbel mas-sitwazzjoni li diġà teżisti jista' jitnaqqas billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jinżamm mal-livelli minimi meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà, u billi jintużaw fanali xierqa.

Light pollution

During night time, lighting from the building and along pathways is envisaged. Nevertheless, light emissions above the current baseline situation may be reduced by limiting nocturnal lighting to the minimum required for security purposes, and through use of appropriate luminaries.

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

26th October, 2012

Nru. 1085

AWTORITA TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR)

Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali
Avviż skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent
(Avviż Legali 114 tal-2007)

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Floriana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu nklużi fl-Istima tal-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main). Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq: (eiamalta@mepa.org.mt). Dawn is-sottomissjonijiet għandom jingħataw dan it-titlu: Sottomissjoni dwar l-EIA relatat ma' PA 05987/08 (GF 00154/08).

Triq Dun Karm, L-Iklin, Malta	PA 05987/08 (GF 00154/08)

Proposta għall-kostruzzjoni ta' *fuel station* u bini ta' faċilitajiet anċillari.

Is-Sur Carmelo Falzon, għall-Falzon Group

Triq Dun Karm, *L-Iklin, Malta*	*PA 05987/08* *(GF 00154/08)*

Construction of fuel station and ancillary facilities

Mr Carmelo Falzon, o.b.o. Falzon Group

Is-26 ta' Ottubru, 2012

26th October, 2012

No. 1085

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Application that Requires an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Article 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice via mail or via e-mail on: (eiamalta@mepa.org.mt) and should be clearly labelled with the following title: EIA submission on PA 05987/08 (GF 00154/08). More information can be obtained from the MEPA website:(http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main).

Nru. 1086

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET
(Kap. 296)

Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:-

No. 1086

LAND REGISTRATION ACT

(Cap. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:-

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Birżebbuġa	Id-dirett dominju perpetwu ta' kumpless ta' appartamenti u garaxxijiet b' isem ta' 'Paradise Court' fi Triq San Patrizju;	Il-Gvern ta' Malta		3441/12
Birżebbuġa	*The perpetual direct dominium of a complex of apartments and garages named 'Paradise Court' in Triq San Patrizju;*	*The Government of Malta*		
Birkirkara	Drittijiet ta' kumpens fuq LRA 2590/2012 dwar biċċa art tal-kejl ta' 1,838 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		3273/12
Birkirkara	*Compensation rights on LRA 2590/2012 regarding a portion of land covering an area of 1,838 s.m.;*	*The Government Malta*		
Birkirkara	Il-garaxx jismu 'Kojack' fi Sqaq l-Għarar;	Joseph Tabone et	684052M	3568/12
Birkirkara	*The garage named 'Kojack' in Sqaq l-Għarar;*			
Birgu	Drittijiet ta' kumpens ta' LRA 1605/2011 fuq il-fond Nru 94 fi Triq Santa Skolastika u l-fond Nru 14 fi Sqaq Nru 2 fi Triq Santa Skolastika;	Il-Gvern ta' Malta		3409/12
Birgu	*Compensation rights on LRA 1605/2011 over tenement No 94 in Triq Santa Skolastika and tenement No 14 in Alley No 2 in Triq Santa Skolastika;*	*The Government of Malta*		
Birgu	1/7 indiviż tal-fond Nru 85 fi Triq San Filep;	Il-Gvern ta' Malta		3484/12
Birgu	*1/7 undivided share of tenement No 85 in Triq San Filep;*	*The Government of Malta*		
Bormla	Drittijiet ta' kumpens ta' LRA 1605/2011 fuq 8/15 –il parti ndiviża tal-fondi Nri 83 u 84 fi Triq il-Gendus;	Il-Gvern ta' Malta		3410/12
Bormla	*Compensation rights on LRA 1605/2011 over 8/15 undivided shares of tenements Nos 83 and 84 in Triq il-Gendus;*	*The Government of Malta*		
Bormla	It-terran Nru 138 fi Triq l-Oratorju;	Dorian Bugeja	309181M	3490/12
Bormla	*The ground floor tenement at No 138 in Triq l-Oratorju;*			
Fgura	Korrezzjoni ta' LRA 2718/2012. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 3224/2012, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		3224/12

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Fgura	*Correction of LRA 2718/2012.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3224/2012, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Floriana	Biċċa art tal-kejl ta' 12,083 m.k., fi Triq il-Mall; u biċċa art tal-kejl ta' 2,561 m.k., fi Triq it-Telgħa tal-Kurċifiss;	Il-Gvern ta' Malta		3522 u 3523 ta' l-2012
Floriana	*A portion of land covering an area of 12,083 s.m., in Triq il-Mall; and a portion of land covering an area of 2,561 s.m., in Triq it-Telgħa tal-Kurċifiss;*	*The Government of Malta*		
Gżira	Id-dirett dominju perpetwu taż-żewġ appartamenti formanti parti mill-fond jismu 'Bien Venue' fi Triq Edgar Bernard; tal-maisonette bla numru u bla isem, il-garaxxijiet SB3, SB2 u SB1 u l-appartament sovrapost 'penthouse', ilkoll formanti parti minn 'Bien Venue' fi Triq Edgar Bernard;	Il-Gvern ta' Malta		3444, 3445, 3446, 3447, 3448, 3449 u 3451 ta' l-2012
Gżira	*The perpetual direct dominium of two apartments forming part of the tenement named 'Bien Venue' in Triq Edgar; of an unnumbered and unnamed maisonette, garages SB3, SB2 and SB1 and apartment overlying a penthouse, all forming part of 'Bien Venue' in Triq Edgar Bernard;*	*The Government of Malta*		
Gżira	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 14 jismu 'Nest' fi Triq Wied il-Kappara; tal-garaxx B, formanti parti mill-fond Nru 14 jismu 'Fairwinds' fi Triq Wied il-Kappara; tal-garaxx bla numru u bla isem fi Triq Wied il-Kappara;	Il-Gvern ta' Malta		3533, 3535 u 3540 ta' l-2012
Gżira	*The perpetual direct dominium of tenement No 14 named 'Nest' in Triq Wied il-Kappara; of garage B, forming part of tenement No 14 named 'Fairwinds' in Triq Wied il-Kappara; of an unnumbered and unnmaed garage in TriqWied il-Kappara;*	*The Government of Malta*		
Għargħur	Korrezzjoni ta' LRA 2712/2009. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 3289/2012, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		3289/12
Għargħur	*Correction of LRA 2712/2009.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3289/2012, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Ħ'Attard	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-garaxx bla numru u bla isem fi Triq Dun Ġwann Theuma;	George Vella u martu Doris	422247M 125853M	3362/12
Ħ'Attard	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of an unnumbered and unnamed garage in Triq Dun Ġwann Theuma;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ħ'Attard *Ħ'Attard*	Il-kantina u l-garaxx sovrapost, aċċessibbli mill-proprjeta' Nru 26 fi Triq il-Mosta; *The basement and overlying garage, accessible from property No 26 in Triq il-Mosta;*	Il-Palma Agricultural Supplies Co Ltd	C10770	3421/12
Ħ'Attard *Ħ'Attard*	L-utile dominju perpetwu tad-dar Nru 5 jisimha 'Id-Dwejra' u l-garaxx Nru 7 anness magħha, fi Triq Dun Mikiel Xerri, kontrada ta' Misraħ Kola; *The perpetual utile dominium of house No 5 named 'Id-Dwejra' and adjacent garage No 7, in Triq Dun Mikiel Xerri, district of Misraħ Kola;*	Paul Vassallo et	164063M	3424 u 3425 ta' l-2012
Ħad-Dingli *Ħad-Dingli*	Biċċa art tal-kejl ta' 23 m.k.; *A plot of land covering an area of 23 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		3276/12
Ħal Kirkop *Ħal Kirkop*	L-utile dominju perpetwu ta' biċċa art tal-kejl ta' 178 m.k.; *The perpetual utile dominium of a plot of of land covering an area of 178 s.m.;*	Godwin Ellul u martu Mary Anne	55660M 89160M	3298/12
Ħal Kirkop *Ħal Kirkop*	Porzjoni mill-art Tar-Ramlija, tal-kejl ta' 2,320 m.k.; *A portion of the land Tar-Ramlija, covering an area of 2,320 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		3526/12
Ħal Lija *Ħal Lija*	Porzjoni mill-art Ta' l-Iklin, tal-kejl ta' 1,715 m.k.; *A portion of the land Ta' l-Iklin, covering an area of 1,715 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		3584/12
Ħal Qormi *Ħal Qormi*	Id-dirett dominju perpetwu tal-mezzanin Nru 70 jismu 'Pinto House' fi Triq il-Għasel; *The perpetual utile dominium of mezzanine No 70 named 'Pinto House' in Triq il-Għasel;*	Ludgarda Spiteri et	852448M	3230/12
Ħal Qormi *Ħal Qormi*	½ indiviż tal-għalqa Ta' Sqaq iż-Żiemel, tal-kejl ta' 3,370 m.k., kontrada tal-Ħandaq; *½ undivided share of the field Ta' Sqaq iż-Żiemel, covering an area of 3,370 s.m., district of Tal-Ħandaq;*	George Casha et	263452M	3240/12
Ħal Qormi *Ħal Qormi*	Korrezzjoni tat-titolu 06001907 (LRA 287/1985, LRA 717/1997 u LRA 2470/1997). B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 3252/2012, korrezzjoni tal-pjanta relevanti; *Correction of title 06001907 (LRA 287/1985, LRA 717/1997 and LRA 2470/1997).* *I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 3252/2012, a correction of the relevant site plan;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		3252/12

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ħal Qormi	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 69 jismu 'Kenn Tagħna', fi Triq Ġuże' Ellul Mercer;	Daryl Borg u martu Ritienne	250086M 12789M	3291/12
Ħal Qormi	*The perpetual direct dominium of tenement No 69 named 'Kenn Tagħna', in Triq Ġuże' Ellul Mercer;*			
Ħal Qormi	Id-dirett dominju perpetwu tal-arja minn 11 –il filata 'l-fuq tal-fond Nru 69 jismu 'Kenn Tagħna', fi Triq Ġuże' Ellul Mercer;	Pauline Fenech	162167M	3292/12
Ħal Qormi	*The perpetual direct dominium of the airspace from the 11th course level upwards of tenement No 69 named 'Kenn Tagħna', in riq Ġuże' Ellul Mercer;*			
Ħal Qormi	½ indiviż tal-garaxx Nru 1, aċċessibbli minn Nru 35, fi Triq Alexandra;	Catherine Buttigieg u Lilian Buttigieg	279941M 682062M	3304/12
Ħal Qormi	*½ undivided share of garage No 1, accessible from No 35 in Triq Alexandra;*			
Ħal Qormi	Id-dirett dominju perpetwu tal-garaxx Nru 19, inkluż ½ indiviż tal-partijiet komuni, fi Triq is-Serer;	Joseph D'Amato u martu Mary	506150M 280056M	3360/12
Ħal Qormi	*The perpetual direct domonium of garage No 19, indluding ½ undivided share of the common parts, in Triq is-Serer;*			
Ħal Qormi	½ indiviż tal-fond Nru 134 fi Triq il-Ħelsien;	Margerita Zammit	32442G	3404/12
Ħal Qormi	*½ undivided share of tenement No 134 in Triq il-Ħelsien;*			
Ħal Qormi	Korrezzjoni tat-titolu 06001881 (LRA 2839/1997). B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Nicolette Vella applikazzjoni LRA 3619/2012, korrezzjoni tal-att pubblikat min-Nutar Angelo Vella fit-8 ta' Mejju 1997 fejn ġie ndikat li l-proprjeta reġistrata ġiet trasferita in parti bl-arja tagħha u mhux kif kien erronjement indikat;	Law Quintano Holdings Ltd	C3098	3619/12
Ħal Qormi	*Correction of title 06001881 (LRA 2839/1997).* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Nicolette Vella application LRA 3619/2012, a correction of the deed published by Notary Angelo Vella on 8th May 1997 in the sense that the registered property was transferred partly with its own airspace and not as was erroneously mentioned;*			
Ħal Safi	Drittijiet ta' kumpens ta' LRA 240/2012 fuq porzjoni diviża ta' art tal-kejl ta' 458 m.k., kontrada tax-Xgħira;	Il-Gvern ta' Malta		3413/12
Ħal Safi	*Compensation rights on LRA 240/2012 over a divided portion of land covering an area of 458 s.m., district of Xgħira;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ħal Safi	L-utile dominju perpetwu ta' porzjoni diviża tal-kejl ta' 400 m.k., mill-art Ta' Laġjan sive Ta' Savaja;	Il-Gvern ta' Malta		3485/12
Ħal Safi	*The perpetual utile dominium of a divided portion covering an area of 400 s.m., of the land Ta' Laġjan sive Ta' Savaja;*	*The Government of Malta*		
Ħamrun	Korrezzjoni ta' LRA 2956/2009. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 3254/2012, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		3254/12
Ħamrun	*Correction of LRA 2956/2009.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3254/2012, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Ħamrun	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond jismu 'Lily' fi Triq Qrejten;	Il-Gvern ta' Malta		3536/12
Ħamrun	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of the tenement named 'Lily' in Triq Qrejten;*	*The Government of Malta*		
Ħaż-Żabbar	Is-subdirett dominju perpetwu ta' porzjoni diviża mill-art Ta' Don Carlo sive Ta'Dun Paolo, tal-kejl ta' 1,144 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		3487/12
Ħaż-Żabbar	*The perpetual subdirect dominium of a divided portion of the land Ta'Don Carlo sive Ta' Dun Paolo, covering an area of 1,144 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Ħaż-Żebbuġ	1/6 indiviż ta' maħżen bla numru fi Sqaq Nru 2, Triq Tal-Grazzja;	Angele Harris		3415/12
Ħaż-Żebbuġ	*1/6 undivided share of an unnumbered store room in Alley No 2, Triq Tal-Grazzja*			
Kalkara	Id-dirett dominju perpetwu tad-dar Nru 10 fi Sqaq Nru 2, Triq Rinella;	Michael John Pain u martu Marlene	9201A 268442M	3315/12
Kalkara	*The perpetual direct dominium of house No 10 in Alley No 2, Triq Rinella;*			
Kalkara	Biċċa art tal-kejl ta' 437 m.k., fi Triq il-Missjoni Taljana;	Il-Gvern ta' Malta		3521/12
Kalkara	*A plot of land covering an area of 437 s.m., in Triq il-Missjoni Taljana;*	*The Government of Malta*		
L-Iklin	Korrezzjoni ta' LRA 2642/2002. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt applikazzjoni LRA 3583/2012, korrezzjoni tal-pjanta relevanti;	Il-Gvern ta' Malta		3583/12
L-Iklin	*Correction of LRA 2642/2002.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3583/2012, a correction of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
L-Isla	Il-fondi Nri 31, 33 u 34, formanti parti minn Blokk fi Triq l-Oratorju;	Il-Gvern ta' Malta		3589/12
L-Isla	*Tenements Nos 31, 33 and 34, forming part of a Block in Triq l-Oratorju;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Marsa	L-utile u s-subutile dominju temporanju tal-fond Nru 144 fi Triq Stiefnu Zerafa;	Anthony Zahra u martu Carmen	196455M 402260M	3407/12
Marsa	The temporary utile and subutile dominium of tenement No 144 in Triq Stiefnu Zerafa;			
Marsa	Biċċa art tal-kejl ta' 697 m.k.; biċċa art tal-kejl ta' 1,560 m.k., li tinkludi żewġ imħażen kontigwi jisimhom 'Tyresoles Factory' fi Triq it-Tiġrija;	Il-Gvern ta' Malta		3587 u 3588 ta' l-2012
Marsa	*A plot of land covering an area of 697 s.m.; a portion of land covering an area of 1,560 s.m., that includes two adjacent stores named 'Tyresoles Factory' in Triq it-Tiġrija;*	*The Government of Malta*		
Mellieha	*The perpetual direct dominium of apartment No 2 and garage No 2, forming part of the tenement named 'Kortin Flats' in Triq is-Sagħtar;*	*The Government of Malta*		
Mellieħa	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond jismu 'Hygrade' fi Triq is-Sagħtar;	Il-Gvern ta' Malta		3225/12
Mellieħa	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of the tenement named 'Hygrade' in Triq is-Sagħtar;*	*The Government of Malta*		
Mellieħa	L-utile dominju temporanju tal-appartament Nru 164 jismu 'Cote' d' Azure', f' Dawret it-Tunnara;	Alastaire Dougans u martu Amanda		3262/12
Mellieħa	*The temporary utile dominium of apartment No 164 named 'Cote' d' Azure', at Dawret it-Tunnara;*			
13. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet/Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Fondi u l-Programmi, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Triq il-Kukkanja, Santa Venera SVR 1411, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Novembru, 2012.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email*, *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofs in-nhar (Central European Time) tal-Ġimgħa, 16 ta' Novembru 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet/Diviżjoni għall-Fondi u l-Programmi mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa (info.ppcd@gov.mt) fil-waqt li n-numru tal-fax huwa +356 2200 1141.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur Ġenerali Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet/Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Fondi u l-Programmi, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur Ġenerali Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet/Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Fondi u l-Programmi, Uffiċċju tal-Prim Ministru jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

11. A selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://gov.mt/en/Government/DOI/Pages/Posts%20Public%20Service.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Planning and Priorities Co-ordination Division/Funds and Programmes Division, Office of the Prime Minister, Triq il-Kukkanja, Santa Venera SVR 1411.

13. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received by the Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division/Director General, Funds and Programmes Division, Office of the Prime Minister, Triq il-Kukkanja, Santa Venera SVR 1411 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th November 2012.

14. Applications received from abroad through email, fax, or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 16th November 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Planning and Priorities Co-ordination Division/Funds and Programmes Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is (info.ppcd@gov.mt) whereas the fax number is +356 2200 1141.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division/Director General, Funds and Programmes Division, Office of the Prime Minister, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division/Director General, Funds and Programmes Division, Office of the Prime Minister, within seven (7) days.

26th October, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Junior Architect and Civil Engineer/Architect and Civil Engineer* fid-Direttorat għar-Restawr, fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u s-Servizzi fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 14 ta' Mejju, 2012)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Junior Architect and Civil Engineer/Architect and Civil Engineer* fid-Direttorat għar-Restawr, fid-Dipartiment għax-Xogħlijiet u s-Servizzi fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

2.1 Is-salarju ta' *Junior Architect and Civil Engineer* huwa ta' €16,994 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €19,678 (Skala ta' Salarju 9).

2.2 Persuna fil-grad ta' *Junior Architect and Civil Engineer* tiġi promossa għal *Architect and Civil Engineer* fi Skala ta' Salarju 8 (€18,110 x €486.83 - €21,031) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Persuna gradwata fl-*Architecture and Civil Engineering* fil-pussess tal-*Warrant* biex tipprattika bħala Perit, u li jkollha mill-inqas tliet (3) snin prattika wara l-kisba tal-*Warrant*, tidħol direttament fi Skala ta' Salarju 8 (€18,110 x €486.83 - €21,031) bħala *Architect and Civil Engineer.*

2.4 Persuna fil-grad ta' *Architect and Civil Engineer* fi Skala ta' Salarju 8 li jkollha mill-inqas tmien (8) snin ta' prattika professjonali fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku wara li tkun kisbet il-*Warrant,* tgħaddi għal Skala ta' Salarju 7 (€19,328 x €531.17 - €22,515) jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, filwaqt li ż-żmien kwalifikanti ta' tmien (8) snin jitnaqqas għal sitt (6) snin fil-każ persuna fil-grad ta' *Architect and Civil Engineer* li jkollha kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni.

2.5 Persuna fil-grad ta' *Junior Architect and Civil Engineer* fi Skala ta' Salarju 9 u persuna fil-grad ta' Architect and *Civil Engineer* fi Skala ta' Salarju 8, tkun intitolata wkoll għal *Performance Bonus* sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħha fis-sena, kif ukoll tingħata *market corrector* ta' €1,500 fis-sena.

Persuna fil-grad ta' *Architect and Civil Engineer* fi Skala 7 tkun intitolata għal *Performance Bonus* sa massimu ta'

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Architect and Civil Engineer/Architect and Civil Engineer in the Restoration Directorate, in the Works and Services Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs

(Capacity building approval dated 14th May, 2012)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Architect and Civil Engineer/Architect and Civil Engineer in the Restoration Directorate, in the Works and Services Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs.

2.1 The salary for the post of Junior Architect and Civil Engineer is €16,994 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €19,678 (Salary Scale 9).

2.2 A Junior Architect and Civil Engineer will be promoted to Architect and Civil Engineer in Salary Scale 8 (€18,110 x €486.83 - €21,031) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 Graduates in Architecture and Civil Engineering in possession of the warrant to practice as Perit with at least three (3) years practice after obtaining Warrant, will enter directly into Salary Scale 8 (€18,110 x €486.83 - €21,031) as Architect and Civil Engineer.

2.4 An Architect and Civil Engineer in Salary Scale 8 with at least eight (8) years professional practice in the Public Service/Public Sector after obtaining warrant, shall progress to Salary Scale 7 (€19,328 x €531.17 - €22,515) subject to satisfactory performance, provided that the qualifying period of eight (8) years will be reduced to six (6) years in the case of Architects and Civil Engineers in possession of an approved postgraduate qualification.

2.5 A Junior Architect and Civil Engineer in Salary Scale 9 and Architect and Civil Engineer in Salary Scale 8, will also be entitled to a Performance Bonus of up to a maximum of 15% of his/her basic salary per annum, together with a market corrector of €1,500 per annum.

An Architect and Civil Engineer in Scale 7 will be entitled to a Performance Bonus of up to a maximum of 15%

15% tas-salarju basiku tagħha fis-sena, kif ukoll tingħata *market corrector* ta' €2,500 fis-sena.

2.6 Il-persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-Union kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija full-time u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali b'mod partikolari. Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persona fil-grad ta' *Junior Architect and Civil Engineer/Architect and Civil Engineer* fid-Direttorat għar-Restawr jinkludu:

a) twettaq spezzjonijiet ta' proġetti ta' restawr u/jew rijabilitazzjoni f'lantijiet varji, kemm dawk imwettqa minn ħaddiema tad-Direttorat kif ukoll minn kuntratturi privati, bl-iskop li jsir monitoraġġ tal-progress tax-xogħol biex jiġi żgurat tlestija u kwalità ta' xogħol kif ippjanat u stmat u kemm jista' ikun bi spiża mill-anqas;

b) tikkoordina, tagħmel superviżjoni u tagħti għajnuna fl-immaniġġar ta' proġetti ta' xogħlijiet ta' restawr u rijabilitazzjoni;

c) tikkollabora mal-*Operations Manager/Principal Technical Officer (Execution)* dwar tqassim effiċjenti ta' xogħol u ħaddiema, u assistenza liċ-Chief Architect (Rijabilitazzjoni) fl-immaniġġar ta' staff tekniku u fl-allokazzjoni ta' riżorsi;

d) tippjana l-prijorità ta' proġetti ta' restawr/rijabilitazzjoni, kif ukoll tħejjija ta' *method statements*, u ta' tenders speċjalizzati ta' restawr u speċifikazzjonijiet tekniċi u stimi;

e) tħejji applikazzjonijiet tal-MEPA kif meħtieg;

f) tikkollabora mal-Kumitati tar-Rijabilitazzjoni u Sotto-Kumitati Tekniċi, Kunsilli Lokali, Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet oħra involuti fil-qasam tal-wirt storiku, biex jitħejjew strateġiji effettivi sabiex jiġu ppreservati monumenti u siti fil-Belt, il-Kottonera u l-Imdina, u għajnuna liċ-*Chief Architect* (Rijabilitazzjoni) fl-immanniġġar ta' dawn il-postijiet;

g) tipparteċipa f'riċerka u attivitajiet li għandhom l-għan li jgħollu l-livell ta' teknika ta' rijabilitazzjoni/restawr, u

of his/her basic salary per annum, together with a market corrector of €2,500 per annum.

2.6 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Resources and Rural Affairs in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a person in the grade of Junior Architect and Civil Engineer/Architect and Civil Engineer in the Restoration Directorate include:

a) inspecting and executing restoration/rehabilitation projects at various sites of work, carried out by direct labour or through a private contractor, with a view to monitor the progress of works against time frames, the quality of work and possible cost savings;

b) coordinate, supervise and provide project management support on various ongoing restoration and rehabilitation works;

c) liaising with the Operations Manager/Principal Technical Officer (Execution) on the efficient deployment of direct labour, and assisting the Chief Architect (Rehabilitation) in the management of technical staff and in the allocation of adequate resources;

d) identifying and prioritising restoration/rehabilitation projects, as well as drawing up method statements, including the preparation of specialised restoration tenders, including specifications and bills of quantities;

e) preparation and submittal of MEPA applications when necessary;

f) liaising and collaborating with the Rehabilitation Committees and the Technical Sub-Committee, Local Councils, Government Departments and other bodies involved in heritage management, in drawing up effective strategies for the safeguard of monuments and sites with regard to projects in Valletta, Cottonera and Mdina, and assisting the Chief Architect (Rehabilitation) in the proper management of these areas;

g) participating in research and other activities aimed at upgrading the rehabilitation/restoration techniques, and

aġġornat ma' żviluppi fil-leġiżlazzjoni, *standards* u kodiċi ta' prattika;

h) tikkoordina u timplimenta proġetti ta' riċerka u ta' arkivji;

i) tassisti liċ-*Chief Architect* (Rijabilitazzjoni) u lid-Direttur (Restawr) kif meħtieġ;

j) dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġizlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

keeping abreast of developments in legislation, standards and codes of practice;

h) coordinating and implementing research and archival projects;

i) assisting the Chief Architect (Rehabilitation) and the Director (Restoration) as necessary;

j) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikunu gradwati fl-*Architecture and Civil Engineering* fil-pussess tal-*warrant* biex jipprattikaw ta' Perit;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

5.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw r-rekwiżiti mitluba hawn fuq, ikollhom esperjenza ta' xogħol relevanti ppruvata.

6. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa tattendi laqgħat u korsijiet ta' taħriġ u għal xogħol, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. F'każ li persuna tintbagħat biex tagħmel korsijiet barra minn Malta, hija tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Publika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 L-applikanti eliġibbli jigu eżaminati minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

8.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) graduates in Architecture and Civil Engineering in possession of the warrant to practise as a Perit;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, further to satisfying the requisites above, have proven relevant work experience.

6. The appointee maybe required to attend meetings and courses for training and for work in Malta or abroad. When following courses abroad he/she will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat tal-*People Management,* Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien (10) għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and on that of the People Management Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may

Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

10. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://gov.mt/en/Government/DOI/Pages/Posts%20Public%20Service.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-*People Management,* Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (*People Management*), Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Novembru, 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email, fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 16 ta' Novembru 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur (*People Management*), Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (recruitment.mrra@gov.mt) filwaqt li n-numru tal-*fax* huwa +0356 2292 7878.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal għand id-Direttur (*People Management*), Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur (People Management), Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

10. A selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://gov.mt/en/Government/DOI/Pages/Posts%20Public%20Service.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

12. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs, Human Resources Section, Block 'A', Francesco Buonamici Street, Floriana by not later than noon (Central European Time) on Friday, 16th November, 2012.

13. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) on Friday, 16th November 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs, Human Resources Section, Block 'A', Francesco Buonamici Street, Floriana by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is: (recruitment.mrra@gov.mt) while the fax number is +0356 2292 7878.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs within seven (7) days.

26th October, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Resident Specialist (General Surgery)* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Corrigendum

Ngħarrfu b'dan illi, b'referenza għas-sejħa għall-applikazzjonijiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Settembru, 2012 biex jimtela l-post imsemmi hawn fuq, il-paragrafu 6.2 tal-verżjoni bl-Ingliż kellu jkun kif ġej:

"6.2. By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

(i) listed in the Specialist Register of General Surgery kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) approved for inclusion in the Specialist Register of General Surgery kept by the Medical Council of Malta; or

(iii) (a) in possession of a certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for General Surgery ; or

(b) in possession of a specialist qualification equivalent to the CCT for the relevant speciality, which is issued by the competent authority in another EU Member State, as listed in Part Ib of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in General Surgery."

Is-26 ta' Ottubru, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Resident Specialist (General Surgery) within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

Corrigendum

It is hereby notified that with reference to the call for applications published in the Government Gazette dated 28th September 2012 for the filling of the post in caption, paragraph 6.2 in the English version is to read as follows:

"6.2. By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

(i) listed in the Specialist Register of General Surgery kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) approved for inclusion in the Specialist Register of General Surgery kept by the Medical Council of Malta; or

(iii) (a) in possession of a certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for General Surgery; or

(b) in possession of a specialist qualification equivalent to the CCT for the relevant speciality, which is issued by the competent authority in another EU Member State, as listed in Part Ib of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in General Surgery."

26th October, 2012

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Sejħa għall-Applikazzjoni: *Project Secretary*

Numru ta' Referenza: MPO/189/2005/10
Numru tal-Permess tal-ETC: 217/2012

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi tilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni kkwalifikati għall-pożizzjonijiet *Part-time* ta' *Project Secretary* sabiex jiġu impjegati fi ħdan il-proġett IF 2011-11 – *Community Integration Through Non-Formal Education*.

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Call for Application: Project Secretary

Reference Number: MPO/189/2005/10
ETC Permit Number: 217/2012

The Foundation for Educational Services invites applications from suitably qualified persons for the positions of Part-time Project Secretary to be employed within the Integration Fund Project Community Integration Through Non-Formal Education – IF 2011-11.

L-applikanti għandu jkollhom kwalifika fl-amministrazzjoni/xogħol sekretarjali rikonoxxuta mill-Kunsill Malti għal Kwalifiki (MQC) f'Livell 3 jew ogħla.

Esperjenza: Mill-anqas sentejn esperjenza f'qasam relatat.

Aktar informazzjoni u/jew kopja tal-*job description* għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq, wieħed għandu jibgħat *email* fuq: (gabriella.calleja@gov.mt). Applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae,* jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, it-2 ta' Novembru 2012, u għandhom jintbagħtu lil: (gabriella.calleja@gov.mt).

Is-26 ta' Ottubru, 2012

Applicants must be in possession of administrative/secretarial qualifications at MQC level 3 or higher.

Experience: Minimum 2 years relevant work experience.

Further information and/or a copy of the job description for the above-mentioned call for applications can be obtained through an email to: (gabriella.calleja@gov.mt). Applications along with curriculum vitae will be accepted till noon of Friday, 2nd November, 2012 and are to be sent to: (gabriella.calleja@gov.mt).

26th October, 2012

Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni ta' Migrazzjoni 2007 – 2013
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (FI)
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE: 25% Fondi Nazzjonali
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni

General Programme Solidarity and Management of Migration Flows 2007 – 2013
Project part-financed from the European Union
European Fund for the Integration of Third Country Nationals (IF)
Co-financing rate: 75% EU Funds: 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Is-Suq f'Ta' Qali għal Frott u Ħaxix Lokali fil-Pitkalija
Applikazzjonijiet għall-Post ta' *Certified HACCP Consultant*

Il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jistieden lil *Certified HACCP Consultants* biex jirreġistraw l-interess tagħhom biex jipprovdu servizzi ta' konsulenza għas-Suq f'Ta' Qali għall-Frott u l-Ħaxix lokali (Il-Pitkalija). Dawk l-*HACCP Consultants* iċċertifikati biss li għandhom il-kwalifiki/profiċjenzi li ġejjin jistgħu japplikaw:

Masters Degree fil-*Food Safety Management*

Ikunu ċċertifikati fl-ISO 22000 u ISO 9001:
Ikunu jifhmu fl-applikazzjoni tal-liġi Ewropea dwar l-ikel;
Ikollhom tal-anqas ħames (5) snin esperjenza fil-verifiki tal-kwalità u s-sigurtà tal-ikel;
Ikollhom tal-anqas ħames (5) snin esperjenza fl-applikazzjoni tal-metodoloġija u ċċertifikazzjoni tal-HACCP fil-ġestjoni ta' *allergens* tal-ikel
Jitkellem tajjeb bil-Malti u bl-Ingliż

Is-sottomissjoni tar-reġistrazzjoni ta' min hu interessat, flimkien ma' CVs dettaljati li juru r-rekwiżiti elenkati hawn

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Ta' Qali Local Fruit and Vegetable Market
***(Pitkalija)* Certified HACCP Consultant**

The Ministry for Resources and Rural Affairs invites Certified HACCP Consultants to register their interest in providing consultancy services for the Ta' Qali Local Fruit and Vegetable Market (Pitkalija). Only certified HACCP Consultants possessing the following qualifications/expertise need apply:

Masters Degree in food safety management;

Certified in ISO 22000 and ISO 9001;
Understanding of the application of EU food law;

Minimum five (5) years experience in food quality and food safety audits;
Minimum five (5) years experience in applying HACCP methodology and certification in food allergen management.
Speaks fluent Maltese and English.

Submissions of registration of interest, together with detailed CVs highlighting the requirements listed above are

fuq għandha ssir fuq l-indirizz tal-*email* li ġej: (contracts.mrra@gov.mt).

Id-data sa meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet hija l-Erbgħa, 31 ta' Ottubru, 2012 f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew).

Wara r-reġistrazzjoni ta' interess, il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jitlob aktar informazzjoni li tinkludi dik finanzjarja mill-kandidati li jintgħażlu. Il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq jistgħu jinħatru għal perjodi speċifiċi biex jagħmlu xogħlijiet li jistgħu jinkludu, iżda ma jkunux limitati biss, għal dan li ġej:

Jiddraftjaw rapport li jkun jispeċifika l-istat kurrenti tal-affarijiet fis-suq rigward l-HACCP;

Jagħmlu rakkomandazzjonijiet fuq l-implimentazzjoni tal-HACCP fl-isfond tar-riforma fil-pitkalija, sew bħala prodott kif ukoll mill-aspett ta' bini/loġistika;

Jissorveljaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

to be made to the following email address: (contracts.mrra@gov.mt).

The closing date for submissions is scheduled for noon (Central European Time) on Wednesday, 31st October, 2012.

Following the registration of interest, MRRA will then request further information including financial information from the successful candidates. The candidates who fit the above description may be appointed for specified period/s to carry out tasks which may include, but not limited to, the following:

Drawing up a report detailing the current state of affairs at the market in relation to HACCP;

Making recommendations on the implementation of HACCP within the pitkalija reform framework, both from a product and also from a building/logistics point of view.

Overseeing the implementation of the recommendations.

26th October, 2012

AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMPETIZZJONI U AFFARIJIET GĦALL-KONSUMATUR

Uffiċċju għall-Kompetizzjoni

Fit-12 ta' Settembru, 2012, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u Affarijiet għall-Konsumatur awtorizza, skont ir-Regolamenti tal-Kontroll ta' Konċentrazzjoni, 2002, it-twaqqif ta' *joint venture* bejn Gasan Enterprises Limited, Mira Holdings Limited, Mira Motor Sales Limited u Associated Motors Company Limited għall-operazzjoni ta' bejgħ ta' karozzi u servizzi relatati f'Malta. L-Uffiċċju kkonkluda li t-twaqqif ta' din il-*joint venture*, bl-isem ta' GasanZammit Motors Limited, ma kinitx se telimina l-kompetizzjoni b'mod sostanzjali fuq is-suq in kwistjoni u dan għaliex it-transazzjoni proposta mhux se tibdel b'mod sinifikanti l-istruttura tas-suq in kwistjoni u din l-entità se tiffaċċa kompetizzjoni minn operaturi oħrajn.

Din it-transazzjoni ġiet notifikata lil dan l-Uffiċċju fit-2 ta' Awwissu, 2012.

Kopja mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni se tkun aċċessibbli aktar 'il quddiem fuq: (www.mccaa.org.mt).

Is-26 ta' Ottubru, 2012

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Office for Competition

On the 12th September, 2012, the Office for Competition within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority cleared, under the Control of Concentrations Regulations, 2002, the creation of a joint venture between Gasan Enterprises Limited, Mira Holdings Limited, Mira Motor Sales Limited and Associated Motors Company Limited for the provision of a motor vehicle dealership and related services in Malta. The Office concluded that the creation of the joint venture, to be known as GasanZammit Motors Limited would not substantially lessen competition because the proposed transaction will not significantly alter the market structures and the merged entity will face competition from other players.

The transaction was notified to the Office on the 2nd August, 2012.

A non-confidential version of this decision will be available at a later date on: (www.mccaa.org.mt).

26th October, 2012

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2009 = 100)

	2012
Jannar	104.11
Frar	104.74
Marzu	105.17
April	106.59
Mejju	106.61
Ġunju	106.82
Lulju	106.13
Awwissu	106.49
Settembru	107.47

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

	Awwissu 2012	Settembru 2012	Effett fuq l-Indiċi
Ikel			
Ħut, frisk jew iffriżat	159.67	181.24	0.09
Frott, frisk jew iffriżat	76.08	79.59	0.05
Ħaxix	113.65	114.02	0.28
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ tal-irġiel	76.01	79.61	0.07
Ħwejjeġ tan-nisa	74.17	81.12	0.17
Trasport u Komunikazzjoni			
Fuels	135.20	138.45	0.16
Servizzi tat-trasport bl-ajru	155.11	148.40	-0.15
Oġġetti Oħra u Servizzi			
Ġojjellerija, arloġġi tal-idejn u arloġġi	169.44	181.24	0.07

Is-26 ta' Ottubru, 2012

RETAIL PRICE INDEX

All Items (December 2009 = 100)

	2012
January	104.11
February	104.74
March	105.17
April	106.59
May	106.61
June	106.82
July	106.13
August	106.49
September	107.47

Items causing most change:–

	August 2012	September 2012	Effect on Index
Food			
Fish, fresh or chilled	159.67	181.24	0.09
Fruits, fresh or chilled	76.08	79.59	0.05
Vegetables	113.65	114.02	0.28
Clothing and Footwear			
Men's outerwear	76.01	79.61	0.07
Women's outerwear	74.17	81.12	0.17
Transport and Communication			
Fuels	135.20	138.45	0.16
Air transport services	155.11	148.40	-0.15
Other Goods and Services			
Jewellery, watches and clocks	169.44	181.24	0.07

26th October, 2012

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall- elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

Kandidati Nominati

CASTALDI PARIS ANTOINETTE
RANSLEY PHILIP ANDREW

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Silvio Zammit għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema , skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, id-29 ta' Ottubru, 2012 f'nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Il-Belt Valletta.

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li Triq in-Naxxar (minn kantuniera ma' Triq Stiefnu Zerafa sal-bidu Triq Santa Katerina) se tkun magħluqa għat-traffiku kollu nhar it-Tlieta, it-30 ta' Ottubru 2012 minn nofsinhar sas-2.00 p.m.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Local Council of Tas-Sliema are the following that is:

Nominated Candidates

CASTALDI PARIS ANTOINETTE
RANSLEY PHILIP ANDREW

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Silvio Zammit for the Local Council of Tas-Sliema, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), on Monday, 29th October, 2012 at noon at the Electoral Office, Evans Building, St. Elmo Square, Il-Belt Valletta.

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

26th October, 2012

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Ħal Għargħur Local Council notifies that Triq in-Naxxar (corner with Triq Stiefnu Zerafa up to the beginning of Triq Santa Katerina) will be closed for all traffic on Tuesday, 30th October 2012 from noon till 2.00 p.m.

26th October, 2012

COMPARATIVE RETURN OF REVENUE
for the period 1st January 2012 to 30th September 2012

		Budget 2012 €	Actual Revenue Jan - Sep 2012 €	Actual Revenue Jan - Dec 2011 €	Actual Revenue Jan - Sep 2011 €
REVENUE					
I	Customs and Excise Duties	220,400,000	117,822,513	208,181,163	147,636,963
II	Licences, Taxes and Fines	267,850,000	171,945,866	228,408,977	170,746,887
III	Income Tax	840,000,000	595,132,865	776,108,556	518,448,711
IV	Value Added Tax	581,600,000	388,320,166	525,061,319	371,880,217
V	Fees of Office	36,972,000	23,858,939	36,315,721	27,832,308
VI	Reimbursements	30,320,000	19,794,435	31,959,039	15,374,537
VII	Public Corporations	815,000	---	815,000	---
VIII	Central Bank of Malta	46,000,000	42,000,000	48,000,000	48,000,000
IX	Rents	29,460,000	18,554,212	26,265,372	18,205,796
X	Dividends on Investment	19,700,000	13,250,925	16,847,494	10,698,775
XI	[Repayment of, and] Interest on Loans made by Government	8,529,000	569,675	1,707,971	1,168,377
XII	Social Security	632,000,000	412,730,557	585,591,280	399,987,290
XIII	Grants	194,483,000	63,531,480	121,121,583	59,055,666
XIV	Miscellaneous Receipts	52,871,000	53,907,213	37,447,754	33,094,890
	Total Ordinary Revenue	**2,961,000,000**	**1,921,418,845**	**2,643,831,229**	**1,822,130,418**
XV	Extraordinary Receipts	28,159,000	28,424,855	9,621,762	9,621,762
XVI	Loans	700,000,000	510,581,618	567,797,875	401,609,800
XVII	Repayments of loans made by Government	52,002,000	---	---	---
	Total Non-Ordinary Revenue	**780,161,000**	**539,006,472**	**577,419,637**	**411,231,562**
TOTAL REVENUE		**3,741,161,000**	**2,460,425,317**	**3,221,250,866**	**2,233,361,980**

Note: Figures in Statement may not add up due to rounding

The Treasury
Authority: Treas 62/2012

N. Camilleri B.A. (Hons.), M.B.A. (Bath)
Accountant General

Date: 04 - 10 - 2012

COMPARATIVE RETURN OF EXPENDITURE
for the period 1st January 2012 to 30th September 2012

		Budget 2012 €	Actual Expenditure Jan - Sep 2012 €	Actual Expenditure Jan - Dec 2011 €	Actual Expenditure Jan - Sep 2011 €
RECURRENT EXPENDITURE					
1	Office of the President	2,301,000	1,629,406	2,532,325	1,689,202
2	House of Representatives	3,640,000	2,296,882	3,195,210	2,215,057
3	Office of the Ombudsman	824,000	550,003	499,991	328,002
4	National Audit Office	2,300,000	1,638,000	2,200,000	1,600,012
5	Office of the Prime Minister	36,532,000	22,417,180	36,080,714	20,337,168
